MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 429/2004

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur zzewweg lill-konvenuta fid-9 ta' Jannar, 1988 mil-liema zwieg twieldu zewgt itfal Stefania ta' 15-il sena u Annalisa ta' 14-il sena.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet li ma hemmx lok ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet “ghar-ragunijiet li qed jinvoka l-attur”;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta’ l-osservazzjonijiet studjata ta’ l-attur;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-9 ta’ Jannar 1988 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiiet” jinsab vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Il-konvenuta minn naha taghha tirrespingi din il-pretensjoni u ssostni li dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg in bazi ghar-ragunijiet moghtija mill-attur, mhijiex gustifikata.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet zzewwgu fid-9 ta’ Jannar 1988 wara gherusija ta’ kwazi 4 snin, u meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 26 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. Il-partijiet isostnu li huma irriskontraw diffikultajiet fiz-zwieg kwazi mill-bidu nett, li ma gewx superata, izda li eskalaw u pprecipitaw fid-digenerazzjoni tal-hajja matrimonjali bejniethom, li, ghalkemm jidher li ntemmet, huma baqghu jghixu that l-istess saqaf.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghti aktar affidament lil versjoni tal-konvenuta minn dik ta’ l-attur li f’ certi aspetti tal-versjoni tieghu l-Qorti hija thoss li ma kienx veritier.

Illi l-ewwel kawzali ta’ l-attur hija bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu precitat. L-attu qed isostni li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta’ diskrezzjoni ta’

gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[1] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra*].

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien ftit anqas minn 4 snin qabel iz-zwieg, u f' dan l-istadju ma jidhirx li kien hemm problem relevanti. Dan jinsab ammess miz-zewg partijiet. Il-partijiet qabel iz-zwieg kellhom zmien sufficjenti biex isiru jafu lil xulxin. Inoltre, fid-data ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kellhom eta' u maturita' sufficjenti sabiex jifhmu l-impenji tal-hajja matrimonjali; u bil-kwistjonijiet kollha li l-partijiet habbtu wicchom maghhom huma kellhom konvivenza ta' 18 il-sena li matulha kellhom zewgt it-tfal.

Il-Qorti tikkoncedi li mill-provi jirrizulta li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kienet pjuttost turbolenti, izda dana m' ghandhux iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni li z-zwieg taghhom huwa null in bazi ghall-paragrafu precitat. Il-Qorti tara li l-problema principali bejn il-partijiet kienet li dawna ma kellhom cans li wahehom isolvu l-problema

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

taghhom, problemi li hafna koppji jirriskontraw fix-xhur jew snin inizjali tal-hajja matrimonjali taghhom, u jeskogitaw modus vivendi accettabli ghat-tnejn, multo magis wara t-twelid tat-tfal. Jirrizulta pero' li r-relazzjoni bejniethom kienet kontinwament assalita mill-indhil qawwi, indebitu u inopportun tal-genituri rispettivi taghhom u dana bil-kunsens u volonta' ta' kull parti fil-konfront tal-genituri tieghu.

Hija opportuna l-osservazzjoni li, il-fatt li persuna jkollha d-difetti, jew ahjar karatterstici negattivi, fil-personalita' taghha kif allegati mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin ma jwasslux necessarjament ghall-maturita' ta' dan il-caput nullitatis. Ghax dak li huwa krucjali fid-determinazzjoni ta' kazijiet ta' annullament huwa l-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, u l-problemi li jizviluppaw waqt iz-zwieg ghandhom relevanza biss in kwantu jistghu jitfghu dawl fuq jekk il-kunsens matrimonjali kienx vizzjat jew le. Hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri deciza 09.04.2003* fis-sens li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

Illi fin-nota tieghu l-attur jsemmi l-kuncett ta' "maturita' affettiva" bhala parti mill-kuncett aktar wiesa' u komprensiv ta' difett ta' *discretio judicii*. Fil-kaz *App.Caroline Grech vs Ian Borg deciz fis-27 ta' Jannar 2006* gie osservat in propositu li dan il-kuncett tal-maturita' affettiva 'comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero[immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio][Bersini]" Dik l-Onorabbli Qorti tkompli tkwota hekk: "ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta'

prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di gudizio; tale diskrezzjone tutta via ammette prove in contrario.”

Kif diga’ gie rilevat, fil-kaz in disamina ma rrizultawx provi sufficjenti sabiex jinnewtralizzaw l-imsemmija presunzjoni. Il-partijiet fid-data taz-zwieg kienu ta’ eta’ matura u ma rrizultax li l-attur jew il-konvenuta kienu that l-inkapacita’ psikika li jifhmu u jidhlu ghall-impenji matrimonjali. Il-fatt li dawna, tenut kont tal-indhil [that forma ta’ assistenza] tal-genituri taghhom, baqghu ma solvewx il-problemi ta’ bejniethom b’ kompromessi li jwasslu ghal modus vivendi pacifiku bejniethom, per se ma jwasslx ghan-nuqqas la ta’ maturita’ affettiva u lanqas ta’ nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Il-Qorti hija konvinta illi, kuntrarjament ghall-impressjoni li pprova jghati l-attur li huwa ma kienx lest ghaz-zwieg u li ma riedx jizzewweg, iz-zewg partijiet riedu jizzewwgu u taw il-kunsens matrimonjali liberu taghhom. L-attur izzewweg lill-konvenuta ghax ried hu, minghajr ebda pressjoni ndebita da parti ta’ hadd. Di fatti, ghalkemm fl-affidavit tiegu ipprova jghati stampa differenti billi jghid diskors bhal “sibt ruhi fuq l-artal prattikament bla ma naf” u “lanqas biss kont naf x’qed jigri” u “jien ma kelli ebda interess” u “kont qiesni qed nara film u jiena ma stajtx imwaqqfu” [fols.18-19] – nonostante li pprova jghati din l-impressjoni tieghu nnifsu ta’ gifa, fl-istess affidavit jghid li “C kienet fuq kollox tghogobni”; u fix-xhieda tieghu jghid li “qabel iz-zwieg, [kelli] hajja normali [mal-konvenuta], b’ hekk ma ddejjaqtx li nizzewweg.”[fol.66]. U aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu, fuq riljev dirett tal-Qorti “imma inti ridt tizzewweg”, l-attur irrisponda “u zgur” [fol.68]; u fuq riljev iehor tal-Qorti “u [int] ridt tghix il-hajja mizzewga”, l-attur irrisponda li dak kien l-iskop tieghu. Altru mela milli ma kienx jaf x’ qed isir ! jew li kien qed jara film li ma setghax iwaqqaf ! jew li sab ruhu fuq l-artal prattikament minghajr ma jaf! Il-provi juru mod iehor. Juru li, ghalkemm l-attur seta’ ipprefera li z-zmien ta’ l-gherusija tkun itwal, izda fil-fatt huwa accetta li jizzewweg lill-konvenuta fid-data proposta, ried jizzewweg lill-konvenuta u fil-fatt izzewweg bil-kunsens liberu tieghu u bil-konsapevolezza tal-impenji u drittijiet tal-hajja

matrimonjali. Il-fatt li l-hajja matrimonjali mal-konvenuta zvolgiet b' mod differenti minn kif kien qed jistenna, ma timmilitax kontra l-liberta' tal-kunsens moghti minnu. Dak li sehh fiz-zwieg jista' jaghti lok ghal separazzjoni personali, izda mhux ghall-annullament.

Illi l-attur jsostni li l-konvenuta kienet ossessjonata bil-fatt li trid li jkollha tfal fiz-zwieg u, skond hu, din l-ossessjoni wasslithom fi stat li "it-tip ta' intimitajiet illi kien qed ikollhom il-partijiet f' dan il-kaz kienu biss destinati sabiex jigu t-tfal fid-dinja."[fol….].

In propositu jigi osserva li din l-allegazzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta giet kategorikament u emfatikament michuda mill-konvneuta. Inoltre, il-Qorti tosserva li wiehed mill-pilastri taz-zwieg huwa l-prokreazzjoni u t-trobbija ta'l-ulied, li minnu johrogu diversi obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali. Ghaldaqstant il-fatt li parti li tkun izzewwget ikollha xewqa kbira jew hegga sabiex jitwieldu tfal fiz-zwieg huwa fattur posittiv li ghandu jsahhah ir-relazzjoni bejn il-konjugi, kemm fizikament kif ukoll emotivament. Dan jispjega kif diversi koppji jirrikoru ghal mezzi xjentifici anke estremi biex ikollhom it-tfal, sa anke jirrikorru ghalk-mezz legali ta' l-addozzjoni. Ghalhekk il-Qorti thoss li d-dawl ikrah li l-attur pprova jaghti fuq il-konvenuta billi jpingiha bhala bniedma ossessjonata, ma jirrizultax provat.
Illi t-tieni kawzali ta' l-attur hija bazata fuq is-simulazzjoni kif koncepita fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat. In propositu, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet fattwali premessi, fejn ikkonstatat li fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, il-partijiet kienu liberi u genwini fis-sens li fid-data taz-zwieg riedu li jinghaqdu fiz-zwieg. Ma rrizultax provat, li xi hadd minnhom internament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu jew xi obbligu matrimonjali essenzjali. Anzi l-provi juru l-kuntrarju.

In fina u ghall-kompletezza jigi rilevat li l-attur fl-att tac-citazzjoni isemmi "l-artiklu 19[1][g]" bhala wahda mir-ragunijiet li ghaliha qed jitlob l-annullament. Il-Qorti tirrileva li mill-provi ma rrizultax li xi wahda mill-partijiet

rabtet il-kunsens taghha ma xi kondizzjoni li tirreferi ghal futur. Din il-caput nullitatis hija manifestament mankanti u inezistenti, u mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha ulterjorment.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhjiex gustifikata ghax ma ssibx sostenn fil-provi u ghalhekk timmerita li tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------